MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2013

Rikors Numru. 504/2012

**AB**

***vs***

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

1. Illi l-esponenti u l-intimat izzewwgu fl-ghoxrin (20) ta’ Novembru 1992. (Dokument A);
2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, Ilaria li ghandha tmintax-il sena, Russel li ghandu sittax-il sena u Sindel li ghandha hmistax-il sena;
3. Illi l-partijiet isseparaw legalment b’mod konsenswali permezz ta’ kuntratt ta’separazzjoni datat 14 ta’ Mejju 2003 fl-atti tan-Nutara Elena Farrugia (Dokument B);

4. Illi l-kura u l-kustodja tat-tfal hija fdata f'idejn l-esponenti;
5. Illi l-intimat ihallas l-manteniment Eur 192 fix-xahar ghaz-zewgt ulied minuri u a favur R u S stante illi Ilaria ghandha tmintax-il sena u full time job. Dan il-manteniment jithallas kull xahar skond klawsola 3A tal-kuntratt;
6. Illi in oltre, skond il-kuntratt citat ta' separazzjoni legali l-partijiet kienu iddekadew minn kull dritt li jitolbu jew jircievu manteniment minghand xulxin; (klawsola 6);

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(i) Tiddikjara xolt iz-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet kif inghad fl-20 ta' Novembru 1992;
(ii) Tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna tad-dikjarazzjoni tax-xoljiment taz-zwieg taghhom fl-att taz-zwieg relattiv;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Ottubru, 2012;

Rat ir-risposta tal-intimat illi ma jopponix ghat-talba tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrent irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi gie ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separate mill-14 ta' Mejju 2003 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Il-Qorti rat illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi l-intimat dejjem hallas il-manteniment u ma hemmx pendenzi f'dan ir-rigward;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tiddikjara illi z-zwieg bejn il-partijiet huwa mahlul u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------